MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Avviz Numru. 1/2013

**Josef Bugeja**

**Vs**

**Marco Attard u ghal kull interess li jista' jkollha martu Anna Attard**

Il-Qorti;

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur li permezz tieghu talab li l-konvenuti jhallsuh is-somma ta' sebat elef u mitt Euro u tlettax-il centezmu (€7100.13) flimkien mal-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) minn Settembru 2010 sad-data tal-hlas relattiv. L-ammont dovut jirrapprezenta hlas ghal xoghol ta' skavazzjoni u xoghol relatat in konnessjoni ma' progett fi Triq Santa Maria, Rabat, Ghawdex skont ir-rendikont anness JB1. Minkejja diversi weghdiet il-konvenuti ma hallsux l-ammont dovut. Bl-ispejjez inkluzi

dawk tal-ittra ufficjali numru 100/2012 ipprezentata fil-5 ta’ Ottubru 2012.

Rat li fis-seduta tat-13 ta’ Marzu 2013 il-konvenuti ammettew it-talbiet u talbu li jinghataw terminu ghall-hlas, liema terminu ghandu jkun sal-ahhar ta’ din is-sena. Il-partijiet qablu bejniethom li ghar-rigward ta’ interessi m’ghandhomx jiddekorru ebda interessi sakemm it-terminu stipulat jigi rispettat, f’kaz ta’ nuqqas ta’ hlas fit-terminu stipulat l-imghax ghandu imbaghad jibda jiddekorri mid-data ta’ l-ittra ufficcjali tal-5 ta’ Ottubru 2012. Il-partijiet qablu li l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mill-konvenuti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna qieghed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta’ €7.100.13 rapprezentanti hlas ghal xoghol ta’ skavazzjoni u xoghol, u dan kif jirrizulta mir-rendikont ezebit.

In vista ta’ l-ammissjoni tal-konvenuti, il-Qorti hi ghalhekk sodisfatta li l-ammont pretiz mill-attur huwa lilu dovut mill-konvenuti.

Ghal dan ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ sebat elef u mitt Euro u tlettax il-centezmu (€7100.13). B’dan illi bi ftehim bejn l-istess partijiet il-konvenuti qeghdin jinghataw terminu ghall-hlas sa’ l-ahhar ta’ din is-sena u li m’ghandhomx jiddekorru ebda interessi sakemm it-terminu stipulat jigi rispettat. F’kaz ta’ nuqqas ta’ hlas fit-terminu stipulat l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) ghandu jibda jiddekorri mid-data ta’ l-ittra ufficcjali tal-5 ta’ Ottubru 2012.

Spejjez tal-kawza a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------